MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 29/2008

**Talba Nru: 29/08PBC**

**Joseph Ciscaldi ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Butterfly Garage**

**Vs**

**Lirene Attard I.D. 517382 (M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' tlett mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41) - (Lm150) liema ammont huwa rapprezentanti *excess damage waiver*, ammont cert, likwidu u dovut minhabba li kkagunat hsarat fil-vettura mikrija minnha.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' tlett mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41) - (Lm150), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------